MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 310/1990/2

**Attilio Ghigo**

**v.**

**Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u l-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta u ghal kull interess li jista' jkollu Henry Glanville.**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell interpost minn Attilio Ghigo minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza Kostituzzjonali u Konvenzjonali taghha, moghtija fit-30 ta’ Ottubru 1995 li permezz taghha iddikjarat li l-azzjoni tar-rikorrent “ma tistax tigi proposta ghaliex l-allegata vjolazzjoni grat qabel it-30 ta’ April 1987 u hija eskluza mill-Artikolu 7 tal-Att XIV ta’ l-1987”, u konsegwentement cahdet it-talba tar-rikorrent li kienet primarjament intiza sabiex jigi dikjarat li kien gie lez id-dritt fondamentali tieghu protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

**Il-fatti allegati.**

Il-fatti allegati[1] fir-rikors promotur (presentat quddiem il-Prim Awla fil-11 ta’ Ottubru 1990) huma s-segwenti. Attilio Ghigo huwa l-propjetarju tal-fond numru 31, Sacred Heart Street, Paola. Dan il-fond gie rekwizizzjonat mis-Segretarju tad-Djar fit-13 ta’ Marzu 1984 bl-Ordni tar-Rekwizizzjoni numru 47129.

Permezz ta’ ittra datata 23 ta’ Awissu 1984 l-appellant gie nfurmat mis-Segretarju tad-Djar li l-fond gie allokat lil certu Henry Glanville. B’ittra datata 12 ta’ Settembru 1984 l-appellant spjega li kien ser isofri “hardship” b’din l-allokazzjoni u bl-ordni ta’ rekwizizzjoni. Sussegwentement permezz ta’ ittra ufficjali tat-8 ta’ Novembru 1984 l-appellant gie nterpellat sabiex jirrikonoxxi lil Henry Glanville bhala inkwilin tal-fond. Fi kliem l-istess rikors, “Illi sussegwentement ghal din l-ittra ufficjali ir-rikorrent ghamel l-appozitu rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili b’liema huwa kkontesta dik l-allokazzjoni minhabba l-‘hardship’ u l-pregudizzju li kien sejjer isofri.” Fil-mument li gie intavolat ir-rikors promotur ta’ din il-kawza kostituzzjonali jidher li r-rikors appena msemmi (cioe` dak ghall-kontestazzjoni tal-“allokazzjoni minhabba *hardship* u pregudizzju”) kien ghadu pendenti. Ir-rikors promotur ikompli hekk:

---

[1] Jinghad “allegati”, ghax, kif ser jigi spjegat aktar ‘l quddiem f’din is-sentenza, fil-hames snin li l-kawza damet quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-unika prova li qatt ingabet kienet ir-relazzjoni tal-perit tekniku  l-A.I.C. David Pace (fol. 198).

**"Illi fil-fatt huwa utili li jigi rilevat li r-rikorrent wiret dan il-fond minghand il-genituri tieghu u hallas taxxa tas-successjoni fuqu. Barra minn dan f'Awissu ta' din is-sena ir-rikorrent jispicca mix-xoghol u johrog bil-pensjoni u ghalhekk minhabba l-ispejjez kbar li tirrikjedi l-hajja tal-lum huwa sejjer, bhala effett dirett ta' din ir-rekwisizzjoni, isofri pregudizzju u hardship kbir. Fil-fatt il-kera li tinghata lilu fit-termini tal- Att II tal-1949 u cioe` tal-Housing Act tal-1949 hija xejn hlief rovinuza billi timponi obbligi enormi fuq is-sid ghar-riparazzjoni tal-fond b'kumpens li ma huwa bl-ebda mod xieraq jew remotament adegwat ghall-valur gust u reali tal-fond in kwistjoni.**

**Jigi inoltre rilevat li l-fond fejn jabita r-rikorrent huwa ckejken, biex xtara dan il-fond huwa kellu jissellef il-flus minghand il-familja tieghu li ghadu ma hallashomx lura. Ghalhekk huwa ried jiehu lura l-fond in kwistjoni biex imur joqghod fih, ibiegh il-fond tieghu, u b'hekk ihallas id-dejn li ghandu. Inoltre l-fond fejn joqghod ghandu hafna spejjez fih u dan kompla jinducieh biex jippreferixxi ibiddel u jmur joqghod fil-post in kwistjoni."**

L-appellant qieghed jikkontendi li bir-rekwizizzjoni "kontinwata" u l-allokazzjoni tal-fond "kontinwata", qieghed jigi vvjolat id-dritt tieghu protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-I Skeda tal-Att XIV tal-1987 [Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja].

**Is-sentenza tal-ewwel Qorti.**

Fl-udjenza tat-13 ta' Frar 1995 r-rikors gie trattat u thalla ghas-sentenza. Jidher li fil-kors ta' din it-trattazzjoni gie sollevat il-punt li l-ordni ta' rekwizizzjoni nhareg fit-13 ta' Marzu, 1984, jigifieri qabel ma dahal fis-sehh l-Att XIV tal-1987, u li ghalhekk il-Qorti kienet prekluza milli tqis l-ilment dwar ksur ta' drittijiet fundamentali a bazi tal-Konvenzjoni kif mitlub mir-rikorrent Ghigo. L-ewwel Qorti dehrilha li ghalkemm dan il-punt ma tqajjimx b'eccezzjoni formali, pero` il-Qorti setghet tqajjem hi stess, ex officio, l-

istess kwistjoni. Infatti permezz ta' sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru 1995, l-ewwel Qorti ddikjarat dawn il-proceduri improponibbli in kwantu l-allegata vjolazzjoni grat qabel it-30 ta' April 1987, id-data meta dahal fis-sehh l-Att XIV tal-1987.

**L-appell tar-rikorrent.**

Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza. L-aggravju tieghu hu bazikament li ma hux korrett li jinghad li r-rekwisizzjoni sehhet qabel it-30 ta' April, 1997 u dan peress li hu qatt ma rrikonoxxa lill-inkwilin. L-appellant infatti jghid hekk:

**"Illi bir-rispett kollu l-esponenti ma jaqbilx mad-decizjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti illi l-azzjoni tieghu ma tistax tigi proposta ghaliex l-allegata vjolazzjoni grat qabel it-30 ta' April 1987 u hija eskluza mill-Artikolu 7 ta' l-Att XIV ta' l-1987, u dan ghaliex l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 125 jiddefinixxi l-kelma 'rekwizzjoni' bhala 'it-tehid ta' pussess ta' bini jew il-htiega li bini jithallas f'idejn awtorita li tohrog ir-rekwizizzjonijiet.**

**"Illi skond l-Artikolu 525(1) tal-Kodici Civili 'Il-pussess huwa d-detenzjoni ta' haga korporali jew it-tgawdija ta' jedd, li tghhom tista' tinkiseb il-propjeta, u il wiehed izomm jew jezercitah bhala tieghu innifsu.' Dan juri bic-car illi l-pussess huwa stat kontinwat, u fil-fatt il-Kodici Civili jipprevedi li tali pussess jista' li successur b'titolu partikolari jista' jghaqqad mal-pussess tieghu l-pussess tal-predecessur tieghu sabiex jitlob u jgawdi l-effetti ta' dak il-pussess (Artikolu 530(2));**

**"Illi billi l-kelma 'rekwizzjoni' giet definita mill-Kapitolu 125 bhala 'it-tehid ta' pussess', isegwi rekwizzjoni m'hix xi haga li tigri darba, izda tikkostitwixxi stat kontinwu, fejn l-awtorita kompetenti tiehu dak il-pussess ghaliha, u ghalhekk ma kull gurnata li tghaddi, dak it-tehid ta' pussess jerga' "jiggedded". Huwa ghalhekk, li bir-rispett kollu l-esponenti qieghed**

**jissottometti illi kontinwat tehid ta’ pussess wara t-30 ta’ April 1987 jikkostitwixxi vjolazzjoin ta’ l-Att XIV ta’ l-1987;**

**“Illi in oltre fil-kaz de quo is-Segretarju tad-Djar hareg ittra ufficjali fit-8 ta’ Novembru 1984 f’liema huwa interpella lir-rikorrenti ghall-fini ta’ l-Artikolu 8 ta’ l-Att II ta’ l-1949 bhala sid biex jirrikonoxxi bhala inkwilini fil-fuq imsemmi fond lil Henry Glanville.**

**“Illi skond l-Artikolu 8(6) tal-Kapitolu 125 “Meta tinholoq lokazzjoni jew sullokazzjoni bis-sahha ta’ dan l-artikolu, kemm il-darba ma jsirx ftehim kuntrarju permess mil-ligi, jitqies li jkun sar bejn ir-rekiwizizzjonat tal-fond u l-persuna li tkun tinsab fih kuntratt ta’ lokazzjoni jew sullokazzjoni tal-bini ….. ghal zmien tliet xhur, li jibda minn dak in-nhar tar-rikonoxximent definittix…..” L-esponenti ghamel l-appozitu rikors fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili b’liema huwa ikkontesta l-allokazzjoni de quo minhabba hardship u pregudizzju li kien sejjer isofri, liema kawza ghadha pendenti.**

**“Illi ghalhekk qatt ma kien hemm rikonoxximent definittiv ta’ Henry Glanville, u ghalhekk it-tlett xhur lokazzjoni kif previst mill-Artikolu 8(6) fuq imsemmi ghadhom ma bdewx jiddekorru.**

**“Ghaldaqstant, l-appellant, fil-waqt li jaghmel riferenza ghall-atti tal-kawza, u jirrizerva li jaghmel l-osservazzjonijiet u l-provi li jkun hemm bzonn, qieghed jitlob bir-rispett illi s-sentenza li giet moghtija fil-kawza fl-ismijiet premessi mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Ottubru 1995 tigi revokata, bl-ispejjez, u b’hekk il-kawza terga’ tintbaghat lura lill-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni, bl-ispejjez taz-zewg istanzi, kontra l-appellati.”**

**Il-ligi applikabbli.**

Skond l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll:-

***"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.***

***"Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."*** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Dan il-provvediment gie ritenut li jistabilixxi tlett principji:-

*"The first, which is expressed in the first sentence of the first paragraph and is of a general nature, lays down the principle of* ***peaceful enjoyment of property****. The second rule, in the second sentence of the same paragraph,* ***covers deprivation of possessions*** *and subjects it to certain conditions. The third, contained in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, amongst other things, to* ***control the use of property in accordance with the general interest****. These rules are not "distinct" in the sense of being unconnected: the second and third rules, which are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property, are to be construed in the light of the general principle laid down in the first rule"* [**CASE OF THE FORMER KING OF GREECE AND OTHERS v. GREECE**, Application no. 25701/94, deciza mill-Qorti Ewropeja fit-23/11/2000].

Imbaghad l-Artikolu 7 tal-Att XIV tal-1987 jipprovdi:-

***"Ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali imwettqa qabel it-30 ta' April, 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-artikolu 4 ta' dan l-Att"***.

Dan l-artikolu gie sostitwit bl-Artikolu 4 tal-Att XXI tal-2002 (Avviz Legali 311.2002), izda l-parti rilevanti ghal finijiet ta' din il-kawza baqghet sostanzjalment l-istess.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tirrileva fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta' Frar, 2005 fl-ismijiet ***Joseph John Edwards pro et noe v. Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali*** – ghal liema sentenza qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni – l-att ta' rekwizizzjoni huwa att istantanju li jikkonsma ruhu kif appena l-awtorita` pubblika tiehu c-cwievet ossia l-pussess tal-fond. Pero` dak li qed jilmenta minnu l-appellant huwa proprjament mhux l-att ta' rekwizizzjoni *per se* daqs kemm il-fatt, li jirrikorri kull darba li tithallas il-kera, ta' l-allegat sproporzjon bejn il-kera percepita u l-interferenza mat-tgawdija tal-proprjeta` tieghu, u dan fil-kwadru ta' dak minnu allegat ta' "hardship" ghad-diversi ragunijiet migjuba fir-rikors promotorju. Din hija cirkostanza – proprjament cirkostanza rikorrenti – li kompliet tavvera ruhha anke wara t-30 ta' April 1987. Ghalhekk ma kienetx korretta l-ewwel Qorti meta qalet li l-azzjoni ma kienitx proponibbli minhabba l-Artikolu 7 tal-Kap. 319. Bhal fil-kaz ta' ***Edwards*** dak li kien qed jigi prospettat kien "a continuing situation" li allura, galadarba li rrikorriet anke wara t-30 ta' April 1987, setghat tigi ezaminata fid-dawl tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Ghalhekk f'dan is-sens l-appell huwa pjenament gustifikat.

Il-konsegwenza ta' dan l-izball ta' l-ewwel Qorti, pero`, ma hux, kif donnu qed jippretendi l-appellant, li din il-Qorti terga' tibghat lura l-kaz quddiem l-ewwel qorti "ghall-kontinwazzjoni". Jibda biex jinghad li fil-hames snin kemm il-kawza damet quddiem l-ewwel Qorti, l-unika prova li ingabet kienet ir-relazzjoni tal-perit A.I.C. David Pace. F'dan ir-rapport jinghad li l-fond rekwizizzjonat – li tinghata deskrizzjoni tieghu: bazikament zewgt ikmamar isfel u zewgt ikmamar fuq – jinsab fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u li sarulu diversi benefikati, inkluza kamra tal-banju gdida. Il-perit tekniku stima l-valur lokatizju fiz-zmien tar-rekwizizzjoni bhala ta' Lm120 fis-sena, u l-valur lokatizju

fid-data tar-rapport tieghu (28/10/93) bhala ta' Lm250 fis-sena. Il-bqija fil-process ma hemm prova ta' xejn aktar minn dak kollu allegat fir-rikors (inkluz ghal dak li jirrigwarda l-allegat "hardship"). Ghandu jigi osservat li fis-seduta mizmuma mill-ewwel Qorti fit-2 ta' Gunju 1994 (fol 210) id-difensur tar-rikorrenti kien ivverbalizza li "ma faddallux provi izjed". Fl-udjenza tal-20 ta' Gunju 1994 (Fol 211) l-istess difensur "talab li l-kawza tibqa' ghat-trattazzjoni finali". Mill-anqas f'zewg okkazjonijiet – fit-2 ta' Gunju 1994 (fol. 210) u fit-22 ta' Novembru 1994 – l-ewwel Qorti halliet ir-rikors "ghall-provi kollha li fadal", presumibilment, provi tal-intimati, izda provi ohra baqghu ma gewx. Fl-udjenza tat-13 ta' Frar, 1995 l-avukat tal-intimati Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali u l-Prim Ministru iddikjara li l-valur lokatizzju tal-fond ghall-fini tal-Land Valuation Office kien ta' Lm23 fis-sena, u l-avukat tar-rikorrent, illum appellant, qaghad fuq dak hekk dikjarat. Imkien mill-atti ma jirrizulta li l-meritu tal-kaz ma giex trattat kollu kemm hu quddiem il-Prim Awla wara li d-difensur tar-rikorrent kien iddikjara fis-seduta tat-2 ta' Gunju 1994 (Fol 210) li ma kellux provi ohra xi jressaq. Il-konsegwenza hi li din il-Qorti ghandha tezamina l-meritu tal-ilment tar-rikorrent, s'intendi abbazi tal-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti, provi li, kif diga` gie osservat, huma skarni ghall-ahhar. Din il-Qorti certament ma jidhrilhiex li huwa fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja li tibghat il-kawza lura lill-Qorti ta' l-ewwel grad, issa li ghaddew kwazi ghaxar snin mid-data li giet proposta, meta jirrizulta manifestament l-imsemmi nuqqas da parti tar-rikorrent.

F'dan ir-rigward jibda biex jinghad li ma ngabet ebda prova tal-"hardship" allegat mill-appellant. Anqas jirrizulta li l-appellant qatt irrikorra quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex tigi determinata l-kera xierqa tal-post in kwistjoni. Apparti dan, hawn si tratta ta' rekwisizzjoni maghmula in forza ta' ligi intiza biex tikkontrolla "l-uzu ta' proprjeta` skond l-interess generali". Fl-implimentazzjoni ta' *policies* ta' natura socjo-ekonomika, il-margini ta' apprezzament moghtija lill-Istat huma wiesgha hafna. Hekk per ezempju fir-rapport tal-Kummissjoni fil-kaz **Connie Zammit et vs Malta** [App. Numru 16756/90] tat-

12 ta' Jannar 1991, gie osservat li *"the Court has found no violation of the Convention in cases where the State has adopted measures in the field of housing regulations where a more far-reaching interference with property rights was involved. Thus in James and others (Eur. Court. H.R., James and Others judgement of 21 February 1986, Series A no. 98) the leaseholders were accorded a statutory right to acquire the property from the owners, while in Mellacher and others (Eur. Court. H.R., Mellacher and Others judgement of 19 December 1989, Series A no. 169) the legislation constituted an inducement to the leaseholder not to comply with the terms of a previously validly contracted tenancy agreement"*. Kif jispjegaw l-awturi van Dijk u van Hoof fil-ktieb ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** [1998, Tielet Edizzjoni] fir-rigward ta' l-espressjoni "interess generali" fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, *"As concerns the 'general interest' aim of the interference, the Court, accepting a wide margin of appreciation, has stated that 'it will respect the legislature's judgment as to what is in the general interest unless that judgment be manifestly without reasonable foundation'. Thus, a wide variety of aims have been considered to be in the general interest, such as social and economic policy aims in the fields of <u>housing</u>, town planning, alcohol consumption, but also the protection of nature and of the environment, the need to combat international drugs trafficking and the need to preserve evidence of offences and to prevent aggravation of offences"*.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u fid-dawl tal-provi – jew ahjar fin-nuqqas ta' provi – mressqa mir-rikorrent illum appellant, anqas remotament ma jista' jinghad li l-appellant irnexxielu jipprova li fil-konfront tieghu sehhet xi vjolazzjoni tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u konsegwentement it-talba tieghu kif migjuba fir-rikors promotur (tat-12 ta' Ottubru 1990) ghandha tigi respinta.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell in parte billi tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu din iddecidiet li l-azzjoni

tar-rikorrenti ma tistax tigi proposta, izda tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din cahdet it-talba tar-rikorrenti, pero` din il-konferma qeghda ssir mhux ghar-ragunijiet migjuba fis-sentenza appellata, izda ghar-ragunijiet mressqa fl-odjerna sentenza.  L-ispejjez, taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------